**30 ta' Ġunju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Vincenza Micallef

*versus*

John Bondin

**Hsara - Artikoli 1031 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16)**

*Skond l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu; u biex ikun hemm din il-ħtija hemm bżonn, skond l-artikolu 1031, li jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi.*

Il-Qorti:-

*Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-*Qorti Ċivili tat-8 ta' April, 1994 li taqra hekk:

"Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi pprezentata fl-20 ta' Jannar, 1977 fejn, wara. Ippremettiet:

Illi l-attriċi kienet ħallset lill-konvenut is-somma ta' ħames *mija* u *ħamsa* u *ħamsin* lira (Lm555) bħala ħlas *ta' tour* li kellhom jagħmlu l-istess attriċi u ommha u oħtha, marru barra, sabu li l-lukandi u l-mezzi ta' trasport ma kinux ġew ibbukkjati u mħallsa;

Illi minħabba f'hekk l-attriċi sofriet danni oħrajn;

Talbet li l-konvenut jgħid għaliex m'għandux;

*Jiġi kkundannat jirrifondi* lill-attriċi s-somma ta' ħames mija u ħamsa u ħamsin lira (Lm555) in rifużjoni ta' l-istess *somma* mħallsa għall-istess *tour* li rriżulta mhux ibbukkjat u dak l-ammont li jiġi llikwidat in linea ta' danni sofferti mill-attriċi

*minħabba l-inadempjenza tal-konvenut;*

*Bl-ispejjeż;*

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut John Bondin li biha eċċepixxa:

*Illi d-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma kellu ebda relazzjoni legali ma' l-attriċi;*

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Dwar il-fatti, l-partijiet jaqblu li l-attriċi b'ċertu perswazzjoni mingħand il-konvenut aċċettat li tmur ġita li kellha teħodha ma' ommha u oħtha f'ħafna pajjiżi Ewropej, inklużi Franza, Spanja u l-Italja, bl-ajru u bil-pullman, u dana *aċċettat li tagħmlu minkejja eżitazzjoni inizjali* għax kienet taf lill-konvenut, u t-tnejn kellhom banka tal-lottu. Hija l-ewwel ħallset depożitu u aktar tard il-prezz sħiħ tal-ġita;

*Omissis;*

Meta waslu l-lukanda, sabu li hemmhekk ukoll huma ma kinux pprenotati u li kieku ma kienx għal fatt li omm l-attriċi ħassha ħass ħażin ħafif, tal-lukanda lanqas kien iżommhom. Meta fil-fatt żammhom, żammhom b'kondizzjoni li jtuħ il-

passaport tagħhom u li jkunu responsabbli huma għall-ħlas;

Minkejja però li l-attriċi aċċettat li tmur fuq dina l-ġita, għax kienu ser ikunu akkompanjati mill-istess konvenut, għax kienu jafuh u għax kellu banka tal-Lottu bħalhom, hija stess tammetti fix-xhieda tagħha tat-30 ta' Marzu, 1977 in kontro-eżami li l-ġita ma kinitx qed tiġi organizzata mill-istess konvenut iżda minn ħaddieħor;

"Jiena kont naf li s-Sur Farrugia kien qed jorganizza dan il-vjaġġ u mhux il-konvenut. Il-konvenut ġabar il-flus biex jagħtihom lis-Sur Farrugia". Li minkejja l-fatt li l-konvenut ta riċevuta lill-attriċi fid-9 ta' Awissu, 1976 li hija esebita a fol. 4 tal-proċess għas-somma ta' Lm525 apparti mit-Lm30 depożitu, li minkejja dan il-fatt, huwa ma żammx il-flus jirriżulta ukoll mix-xhieda;

Jirriżulta l-ewwel mix-xhieda tiegħu stess, minkejja li din il-Qorti għandha dubbji serji fuq ir-riċevuta, li huwa xehed dwarha u li kien tah Farrugia. Però dan il-fatt huwa ukoll ikkonfermat fix-xhieda ta' l-istess George Farrugia li fis-seduta tad-29 ta' Marzu, 1982 jgħid hekk:

"F'Awissu, 1976, John Bondin kien ħallasni s-somma ta' Lm500, preċiżament Lm550 għal tliet passiġġieri għal *tour* inklùża Spanja, skond il-programmm kif jidher fid-Dokument B a fol. 7 tal-proċess, u indikat bħala *tour* 14";

Fil-fatt l-attriċi naqset meta esebiet dan id-dokument li tesebixxi ukoll il-kondizzjonijiet tal-vjaġġ li sussegwentement ġew esebiti mill-konvenut bħala dokument CC fit-30 ta' Marzu 1977, u jinsabu a fol. 11 tal-proċess. F'dawn il-kondizzjonijiet jidher bl-iktar mod ċar li l-programm kien qed jiġi organizzat minn Cordina S/S & A/L Co. (Malta) Limited ta' *Kingsway*

*Palace*, il-Belt u li anke George Farrugia kellu biss ikun it-*tour leader*. F'dan id-dokument li dina l-Qorti hija sodisfatta kellha konoxxenza tiegħu l-attriċi ma hemm bl-ebda mod indikat li l-konvenut kellu x'jaqsam ma' din il-ġita;

Huwa għalhekk ammess mill-partijiet kollha, jirriżulta ukoll mill-provi, li l-partijiet kollha kienu a konoxxenza li l-konvenut ma kienx hu li qed jorganizza l-ġita. Huwa ukoll aċċettat li l-flus hu għaddihom lil George Farrugia;

*Omissis*;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tħoss, almenu fuq dan il-punt, li l-konvenut kellu raġun isostni li ma kellux relazzjoni ġuridika ma' l-attriċi. Hija kienet taf li l-ġita ma kienx qed jorganizzaha hu. Kienet taf ukoll li l-flus huwa ġabarhom sempliċement biex jgħaddihom lil George Farrugia u fuq dan il-punt ta' rifużjoni il-kawża se mai messha saret kontra l-istess George Farrugia;

Dwar id-danni però, li l-attriċi, ommha u oħtha sofrew meta kienu Ruma, is-sitwazzjoni fattwali/ġuridika hija totalment differenti. Hekk xehed il-konvenut fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 1979: "Jiena sirt naf li George Farrugia kellu xi diffikultajiet finanzjarji xi jumejn qabel telqu. Suspett jista' jkun li kelli li George Farrugia kellu xi diffikultajiet finanzjarji, imma jiena ma kontx naf li kellu dawn id-diffikultajiet finanzjarji";

Din il-Qorti tifhem li meta l-istess konvenut qiegħed jitkellem fuq suspett dan qed jitkellem fuq żmien li jmur oltre l-jumejn li huwa xehed fuqhom. Però, in ogni caso, huwa żgur li kellu l-obbligu legali li jinforma lill-attriċi b'dawn id-diffikultajiet li kellu George Farrugia, u li kien jaf bihom

almenu sa minn jumejn qabel u mhux iħalli l-istess attriċi tmur Ruma, *belt barranija ma' ohtha u ma'* ommha, meta kien jaf b'dawn iċ-ċirkostanzi ta' min kien qed jorganizza l-ġita. Mhux talli li dana ma għamlux, talli għamel minn kollok biex flok itiħom lura l-flus li huma kienu qegħdin jitolbu jipperswadihom biex ikomplu dina l-ġita. Ma hemmx dubbju li kieku l-istess konvenut aġixxa mod ieħor l-attriċi, ommha u oħtha ma kinux isofru d-danni li fil-fatt sofrew. Li b'aktar onestà da parti tiegħu, dawn id-danni żgur kienu jiġu evitati. Għaldaqstant din il-Qorti tħoss li hawnhekk il-konvenut kien doluż fis-sens ċivili *u mhux kriminali li ma aċċertiex* lill-attriċi d-diffikultajiet li seta' kien hemm;

Fil-likwidazzjoni tad-danni din il-Qorti trid tikkunsidra ukoll mhux biss il-lukanda li kellha tħallas l-istess attriċi, però anke ammont raġonevoli għaż-żmien li huma kellhom ta' bilfors iqattgħu Ruma. Kif jirriżulta mix-xhieda, huma xtaqu jiġu qabel, però ma sabux ajruplan biex jiġu qabel sitt ijiem. Minħabba għalhekk l-istess konvenut, huma kellhom iqattgħu sitt ijiem f'*belt* barranija fejn ovvjament kellhom bżonn in-neċessitajiet tagħhom bħal ikel, trasport u affarijiet oħra. L-unika ħaġa li jirriżulta li kien imħallas kien il-passaġġ bl-ajru ta' ritorn. Hekk xehdet infatti l-attriċi fit-30 ta' Marzu, 1977: "Qalilna ukoll li ta' l-ikel kien inkluż u dan kien imniżżel anke fil-programm". Ovvjament dak li qalilhom kien il-persuna li fl-aħħar aċċettahom fl-istess lukanda;

*Omissis*;

Għaldaqstant din il-Qorti, waqt li tiċħad it-talba attriċi biex il-konvenut jirrifondi lilha s-somma ta' Lm555 kif mitlub, tikkundanna lill-istess konvenut biex iħallas lill-istess attriċi s-somma ta' Lm300 bħala likwidazzjoni ta' danni li hija sofriet minħabba nuqqasijiet direttament attribwibbli lilu;

Stante li din il-Qorti tħoss li kieku ma kienx għan-nuqqasijiet tal-konvenut ma kienx ikun hemm lok għal din il-kawża. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu minnu";

Rat il-petizzjoni tal-konvenut John Bondin li biha talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba ta' l-attriċi biex il-konvenut jirrifondi lilha s-somma ta' Lm555 kif mitlub u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm300 bħala likwidazzjoni ta' danni li hija soffriet minħabba nuqqasijiet direttament attribwibbli lilu u tirrevoka ukoll il-kap ta' l-ispejjeż fejn ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-kawża u hekk tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-konvenut appellant u konsegwentement jiġu miċħuda t-talbiet ta' l-attriċi appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata;

Rat l-appell inċidentali ta' l-attriċi appellata li bih talbet ir-riforma tas-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet kollha tagħha inklużi l-imgħaxijiet legali mill-ġurnata tal-preżentata ta' din il-kawża u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

*Ittrattat* l-appell;

*Ikkunsidrat*:

*Illi* l-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

"L-Ewwel Qorti aċċettat il-fatt li l-ġita in kwistjoni ġiet organizzata minn George Farrugia u mhux mill-konvenut

innfisu. L-attriċi kienet konxju ta' dan il-fatt tant li anke jirriżulta li mix-xhieda tagħha stess fejn ammettiet li kien responsabbli George Farrugia u li l-esponenti kien sempliċi *tour leader* u ma kienx la direttament u lanqas indirettament responsabbli għall-organizzazzjoni tal-ġita. L-esponenti ġabar il-flus u għaddihom direttament lil Farrugia li da parti tiegħu *ammetta ukoll li kien effettivament irċevihom;*

L-Ewwel Qorti kwindi kkonkludiet korrettement meta fis-sentenza tagħha tat-8 ta' April, 1994 qalet li ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u l-esponenti;

L-esponenti iżda ma jistax jaqbel mat-tieni parti tal-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar il-kwistjoni ta' danni, fejn intqal li tali sitwazzjoni fattwali/ġuridika hija totalment differenti;

L-esponenti umilment jissottometti illi una volta rriżulta ċarissimu li ma jeżisti ebda relazzjoni legali bejnu u bejn l-attriċi kwindi lanqas ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' danni li għalihom huwa responsabbli l-esponenti;

Id-danni li sofriet l-attriċi huma konsegwenzjali tal-fatt li dana George Farrugia u ċjoè l-persuna responsabbi tal-ġita naqas li jipprenota l-lukanda, trasport, eċċ;

*Id-danni sofferti mill-attriċi bla ebda mod huma riżultat ta'* xi azzjoni jew ommissjoni da parti ta' l-esponenti;

Kieku għall-grazzja ta' l-argument, l-esponenti akkompanja lill-attriċi fuq il-ġita, xorta waħda kienu jsibu ruħhom f'dik is-sitwazzjoni li effettivament sabu ruħhom fiha. Għalhekk il-presenza jew meno ta' l-esponenti flimkien ma' l-attriċi, oħtha u ommha ma *kinitx tbiddel is-sitwazzjoni u kienu*

xorta waħda obbligati li jinkorru dawk l-ispejjeż li semmew;

L-esponenti jissottmetti illi ma jaqbilx mal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti dwar il-kwistjoni li l-esponenti kellu obbligu jinforma lill-attriċi bis-suspett li kellu fuq il-posizzjoni finanzjarja ta' George Farrugia;

Il-fatt li wieħed ikollu suspett u ma jgħidux m'għandhiex timplika li għandu jeħel xi danni talli ma qal xejn dwar xi suspett li kellu;

Illi jekk ikun hekk allura kull persuna li jkollha xi suspett jew tkun semgħet xi affarijiet dwar persuna oħra awtomatikament tista' tiġi mġiegħla tħallas xi danni li persuna oħra setgħet tevita kieku ġiet mgħarrfa dwar dan is-suspett;

L-esponenti jissottometti illi l-attriċi kienet taf lil George Farrugia, li kellha kull opportunità li tindaga min hu u ma kien bla ebda mod xi obbligu legali da parti tal-konvenut la li jindaga dwar il-posizzjoni finanzjarja u lanqas li jxerred xnigħat dwaru;

L-esponenti jissottometti illi huwa ma kellu ebda relazzjoni legali ma' l-attriċi. L-attriċi kienet taf li George Farrugia kien il-persuna responsabbli tal-ġita u li l-esponenti kien għadda l-flus direttament lilu. Kienet taf ukoll li l-esponenti kien sempliċi *tour leader* u xejn aktar. Kienet taf li l-prenotazzjonijiet kemm ta' l-ajru, kif ukoll tal-lukandi u trasport kienu responsabbilità ta' George Farrugia. Kwindi kienet taf li l-persuna responsabbli tad-danni kollha li sofriet huwa George Farrugia u messha intavolat il-kawża kontra tiegħu u mhux kontra l-esponenti;

Illi l-esponenti jissottometti illi kieku l-Ewwel Qorti ddeċidiet li kien hemm relazzjoni legali bejnu u bejn l-attriċi

allura jsegwi l-kwistjoni ta' danni. Iżda la darba din ir-relazzjoni ma teżistix kwindi ma ssegwix il-kwistjoni ta' danni konsegwenzjali ta' relazzjoni li ma teżistix";

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-aggravji tal-konvenut huma fondati. Kif sewwa ssottometta l-appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba ta' l-attriċi biex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm555 imħallsa għat-*tour* imsemmi fiċ-ċitazzjoni, li rriżulta li ma kienx ibbukkjat. Il-motivazzjoni tas-sentenza appellata għar-rigward taċ-ċaħda ta' dik it-talba kienet li l-konvenut kellu raġun isostni li ma kellux relazzjoni ġuridika ma' l-attriċi. L-attiċi kienet taf li l-ġita ma kienx qed jorganizzaha l-konvenut u kienet taf ukoll li l-flus il-konvenut ġabarhom sempliċement biex jgħaddihom lil George Farrugia. Kompliet tgħid is-sentenza appellata: "u fuq dan il-punt ta' rifużjoni, il-kawża, se mai, missha saret kontra l-istess George Farrugia";

Meta ġiet għat-talba tar-riżarċiment tad-danni, l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li dwar id-danni li l-attriċi, ommha u oħtha soffrew meta kienu Ruma, is-sitwazzjoni fattwali/ġuridika hija totalment differenti. Is-sentenza tkompli tgħid li huwa żgura li l-konvenut kellu l-obbligu legali li jinforma lill-attriċi b'dawn id-diffikultajiet li kellu George Farrugia u li kien jaf bihom almenu sa minn jumejn qabel u mhux iħalli l-istess attriċi tmur Ruma, belt barranija ma' oħtha u ommha, meta kien jaf b'dawn iċ-ċirkostanzi ta' min kien qed jorganizza l-ġita. Mhux talli dan ma għamlux talli għamel minn kollox biex flok itihom lura l-flus li huma kienu qegħdin jitolbu pperswadihom biex ikomplu din il-ġita. Ma hemmx dubbju li kieku l-istess konvenut aġixxa mod ieħor l-attriċi, ommha u oħtha ma kinux isofru d-danni li fil-fatt soffrew. Li b'aktar onestà da parti tiegħu dawn id-danni żgur kienu jiġu evitati";

Imbagħad il-Qorti kkonkludiet li l-konvenut kien doluż, fis-sens ċivili, li ma avvertiex lill-attriċi d-diffikultajiet li seta' kien hemm;

*Ikkunsidrat ulterjorment:*

L-Ewwel Qorti eskludiet li hemm rapporti kontrattwali mal-konvenut tant li kkonkludiet li l-attriċi ma kellhiex dritt li titlob ir-rifużjoni tal-prezz tal-ġita mingħand il-konvenut. Għalhekk, il-konvenut jista' biss ikun responsabbli għal kolpa extra-kontrattwali jew akwiljana. Id-danni sofferti mill-attriċi kienu konsegwenza diretta ta' l-inadempjenza ta' l-obbligi kontrattwali assunti minn George Farrugia u mhux mill-konvenut. Però, li jrid jiġi eżaminat huwa jekk il-konvenut kellux xi dmir legali li jiddiswadi jew li ma jinkoraġġix lill-attriċi li tmur għall-ġita;

*Illi skond l-artikolu* 1031 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) kull wieħed iwieġeb *għall-ħsara* li tiġri bi ħtija tiegħu; u biex ikun hemm din *il-ħtija hemm* bżonn, skond l-artikolu 1033, li jagħmel jew jonqos *li jagħmel* xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, *jiġifieri*, id-danneġġant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjonii ta' dover skond il-liġi. Kif josserva Giorgi "*quando si parla di colpa per ommissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma "qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit*"" (Obbligaz. Vol. IV, para. 151). U kif jinnota Marcadè: "*Il fatto negattivo può solo obbligare quando non si fa una cosa dalla legge ordinata ... non basta che l'abbia potuto, è necessario che l'abbia dovuto ... I fatti positivi o negativi devono violare un dovere*" (Cod. Napol. art. 1382-1383, paragrafi 296 u 297). U għalhekk kif jikkonkludi Demolombe: "*una semplice ommissione, una pura inazione, non può*

*costituire un delitto, od un quasi-delitto, quando colui al quale la si imputa non era legalmente tenuto a agire ... Legalmente si è tenuti a non nuocere agli altri a non attentare ai loro diritti, ma legalmente non si è tenuti a venire loro in aiuto, nè a rendere loro un servizio*" (Diritto Civile, Vol. XXXI, para. 479) (Ara Koll. Vol. XVLI - I - p. 21);

Fis-sentenza appellata wieħed ma jsibx minn liema disposizzjoni legali jidderiva l-obbligu tal-konvenut li jagħti parir lill-attriċi biex ma tmurx għall-ġita anke kieku kien jaf bil-problemi li kellha tiltaqa' magħhom meta tasal Ruma. Lanqas ma jirriżulta li l-konvenut kien jaf li George Farrugia ma kienx għamel il-prenotazzjoni meħtieġa iżda biss li Farrugia kellu diffikultajiet finanzjarji;

Dak li l-konvenut qal lill-attriċi dwar id-diffikultà li tottjeni rifużjoni tal-prezz li kienet ħallset, jew li kien ser imur Saċerdot minfloku mal-grupp, setgħu induċew lill-attriċi li tmur għall-ġita. Però, mill-banda l-oħra, il-konvenut ma kienx xi konsulent ta' l-attriċi imma biss ħabib u għalhekk hija setgħet injorat kull ma qalilha u ħadet parir mingħand ħaddieħor. Jekk hija għażlet li tmur għall-ġita fuq dak li qalilha l-konvenut *imputet sibi* għad-danni li soffriet l-attriċi ġaladarba l-konvenut ma kellu ebda obbligu legali li ma jħallix lill-attriċi tmur jew li jwissiha biex ma tmurx. Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma jidhirx li l-konvenut naqas minn xi dover lilu impost mil-liġi għaliex huwa ma kienx tenut skond il-liġi li jagħti parir lill-attriċi jekk għandhiex jew le tmur għall-ġita;

Għalhekk, l-appell tal-konvenut għandu jiġi milqugħ u konsegwentement għandu jiġi miċħud l-appell inċidentali ta' l-attriċi billi fil-fehma ta' din il-Qorti t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenut u *tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet* it-talba ta' l-attriċi biex il-konvenut jirrifondiha s-somma ta' Lm555 u tirevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-konvenut *iħallas lill-attriċi s-somma ta'* Lm300 bħala likwidazzjoni ta' danni li hija sofriet minħabba nuqqasijiet direttament attribwiti lilu fis-sentenza appellata, kif ukoll billi tirrevoka s-sentenza *fil-kap ta' l-ispejjeż, fejn il-konvenut ġie* kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha. U hekk qiegħda tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut, *tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi* kontra l-attriċi appellata, tiċħad ukoll l-appell inċidentali ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.